MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2005

Numru. 1064/2005

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
JACQUELINE RAPINETT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Jacqueline Rapinett, ta’ 29 sena, bint Carmelo u Pauline nee’ Farrugia, imwielda Pieta’ nhar il-25 ta’ Novembru 1976, u residenti Flat 1, Block 16, Triq Sofija, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 56077(M), u akkuzata talli fil-Marsa, nhar it-23 ta’ Novembru 2005, ghal habta tad-disgha u nofs ta’ filghaxija, ikkommettiet serq ta’ diversi oggetti fosthom mobile phone u flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin, u sar ghad-dannu ta’ Jonathan Farrugia.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’post pubbliku jew f’post espost

ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offendiet il-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

U fl-ahhar nett talli rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikli 49 u 50 tal-Kap 9, Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata.

Semghet it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, din il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 261, 270, 280, 209 28(a),(g), 49 u 50 tal-Kap 9 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre, tqieghda taht 'supervision suspended order' ghal perjodu ta' sentejn, taht is-supervizjoni ta' 'probation officer' li ghandha tigi nominata mid-Direttur tal-Probation Services.

Di piu', din il-Qorti tqieghed lill-imputata taht garanzija ta' mitt lira Maltin (Lm100) ghal sena ai termini tal-Artiklu 383 tal-Kap 9, bil-kundizzjoni li bl-ebda mod ma tkellem, tavvicina, tikkomunika jew timmolesta lill-kwerelant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------